**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 10 TA' DIĊEMBRU 2020**

**Fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 1615/2020**

**Fl-ismijiet:-**

**Paul Cachia**

**Vs**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Paul Cachia tas-17 ta' Novembru 2020 li permezz tieghu talab lill-Qorti tinibixxi lill-Korporazzjoni intimata milli tkecci, tittermina l-impieg jew tkompli bil-process dixxiplinarju kontra r-rikorrent jew b'kull mod iehor jikkastiga lir-rikorrent b'rizultat jew minhabba l-akkuzi msemmija fl-ittra datata 27 ta' Lulju 2020 mibghuta mill-korporazzjoni intimata lir-rikorrent u dan fuq il-pretest illi l-proceduri dixxiplinarji li tnedew kontra r-rikorrent qed isehhu bi ksur tal-Ligi u jew bi ksur tal-ftehim kollettiv u tal-principji tal-gustizzja naturalis. Jsostni r-rikorrent illi bhala haddiem mal-gvern li gie 'detailed' mal-korporazzjoni intimata ghandu jkun dixxiplinat bil-procedura tad-dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux taht il-ftehim kollettiv vigenti bejn il-union tal-haddiema u l-korporazzjoni intimata. Jsostni li l-kaz kontrih huwa preskritt.

Rat ir-risposta tal-korporazzjoni intimata tal-1 ta' Dicembru 2020 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qed topponi ghar-rikors imsemmi.

Semghat lill-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2020.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat;

**Fatti Antecedenti dawn il-Proceduri**.

F'xi zmien ir-rikorrent, li kien impjegat mal-Gvern, gie 'detailed' mal-korporazzjoni intimata. Il-korporazzjoni intimata tikkontendi illi fis-7 ta' Settembru 2018 ir-rikorrent inqabad minn filmati tas-sigurta' idahhal, minghajr awtorizzazzjoni, terza persuna fuq il-post tax-xoghol bl-allegazzjoni ulterjuri illi dan gie segwit b'atti mhux xierqa fuq il-post tax-xoghol.

Il-korporazzjoni intimata informat lir-rikorrent illi ma riditx li jibqa' 'detailed' maghha u ghalhekk b'ittra tas-17 ta' Settembru 2018 ir-rikorrent Paul Cachia

kiteb ittra lid-Direttur (Resourcing), Public Administration HR Office, Office of the Prime Minister, Valletta, fejn talab illi ma jibqax 'detailed' mal-korporazzjoni intimata "to resume duties with the Public Service". Dik it-talba tar-rikorrent ma gietx accettata mill-ufficju tal-Prim Ministru.

Ir-rikorrent hareg bil-'vacation leave' mis-17 ta' Settembru 2018 sal-5 ta' Novembru 2018. L-ghada li waqaf mill-'vacation leave' ir-rikorrent hareg bis-'sick leave' u baqa' ghaddew bis-'sick leave' sal-31 ta' Marzu 2020. L-ghada, u cioe' fl-1 ta' April 2020 huwa irrapporta ghax-xoghol mal-korporazzjoni intimata.

Il-korporazzjoni intimata ssostni illi ma setghatx tiehu passi dixxiplinari kontra r-rikorrenti sakemm kien bis-sick leave. Inoltre meta rrapporta lura ghax-xoghol kienet lahqet faqqet il-pandemija tal-covid-19 u kien biss fis-27 ta' Lulju 2020 illi l-korporazzjoni intimata kitbet lir-rikorrent fis-27 ta' Lulju 2020 bl-akkuzi li kienu qed jitressqu kontra tieghu senjatment:

"1. Inti abbandunajt id-dmirijiet tieghek fuq il-post tax-xoghol; u
2. Ippermettejt id-dhul ta' terzi persuni fil-proprjeta' tal-Korporazzjoni, minghajr l-awtorizzazzjoni necessarja; u
3. Wettaqt ukoll imgieba mhux xierqa."

Fl-1 ta' Awissu 2020 l-Avukat tar-rikorrent irrisponda ghal dik l-ittra jikkontendi illi il-korporazjoni ma setghatx tiehu passi kontra tieghu ghaliex hu kien impjegat fis-servizz pubbliku kif ukoll talli l-passi kienu qed jittiehdu tardivament.

Il-korporazzjoni intimata waqfet bord ta' investigazzjoni li b'rapport datat 25 ta' Awissu 2020 ikkonkluda illi "... the Board is of the opinion that the conditions of employment applicable to Mr Paul Cachia do not prima facie preclude the institution of disciplinary precedures against him on the basis of prescription." Il-bord ta' investigazzjoni ikkonkluda wkoll illi "... there is a clear prima facie case of misconduct on the part of Mr Cachia which justifies the CEO to trigger all applicable clauses relating to disciplinary procedures

against WSC employee through both the Collective Agreement and the PSMC."

Fl-istess jum tal-25 ta' Awissu 2020 il-Bord tad-Dixxiplina tal-korporazzjoni intimata kiteb lir-rikorrent Paul Cachia fejn informah illi kienet ser issir laqgha tal-Bord tad-Dixxiplina fit-28 ta' Awissu 2020 fid-9.30am li ghaliha kien qed jigi msejjah ir-rikorrent. Ir-rikorrent gie informat permezz tal-istess ittra illi kellu dritt ghall-access tal-filmat tal-incident in kwistjoni u li seta' jigbor estratt tas-CCTV mill-ufficju legali tal-korporazjoni intimata.

Il-bord ta' dixxiplina zamm is-seduta imsemmija fit-28 ta' Awissu 2020.

Fis-17 ta' Novembru 2020 r-rikorrent ipprezenta r-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni mertu ta' dawn il-proceduri.

X'gara bejn it-28 ta' Awissu 2020 u s-17 ta' Novembru 2020 ma jirrizultax mill-atti.

Ikkunsidrat;

**Rekwiziti ghall-Hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni**.

Il-mandat ta' inibizzjoni li qed jitlob ir-rikorrent li jinhareg kontra l-korporazzjoni intimata huwa wiehed generali mahsub taht l-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12. Il-mandat ta’ inibizzjoni taht l-Artikolu 873 ghandu l-iskop li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat[1] u mhux sabiex jikkawtela xi kreditu minnu pretiz.

> “(2) Il-Qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li

[1] Artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12.

dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet." Artikolu 873 (2) Kap 12.

Jehtieg ghalhekk li jigu sodisfatti zewg rekwiziti, li kif spjegat il-Qorti Civili, Prim'Awla fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Josephine Cutajar vs. Mark Vella** (Mandat Nru 501/2015) deciza fit-23 ta' April 2015:

"Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita."

Sabiex jirnexxi fit-talba tieghu r-rikorrent jehtieglu fl-ewwel lok jipprova li l-mandat ta' inibzzjoni huwa mehtieg sabiex jitharrsu l-jeddijiet li jippretendi li ghandu;  u fit-tieni lok li jidher mad-daqqa t'ghajn (prima facie) li ghandu dawk il-jeddijiet.

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' Mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Bl-uzu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-legislatur ried li z-zewg elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser ghalhekk illi jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi jkun nieqes, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak. Tajjeb jinghad ukoll

li l-procedura ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni hija wahda sommarja peress li m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegh tal-kawza dwar l-istess jedd. Huwa ghalhekk illi r-rikorrent fi proceduri simili jehtieglu juri mad-daqqa t'ghanj li ghandu dak il-jekk..

Jehtieg lill-Qorti wkoll li flimkien maz-zewg elementi surreferiti, tikkonsidra l-element tal-pregudizzju. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba ghall-hrug tal-mandat de quo huwa dak li, mingħajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jintilef darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.[2] B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li *'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'.* Il-pregudizzju li r-rikorrent jkun jrid iwaqqaf irid ikun wiehed li ma jkunx hemm rimedju iehor ghalih jekk mhux bil-hrug tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat. Huwa ghalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta' natura eccezzjonali.[3]

Ghandu jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiz huwiex suxxettibbli għal success fl-azzjoni fil-mertu, izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bhala tali ghall-finijiet oggettivi tal-ligi.

Ikkunsidrat;

---

[2] **Muriel Thake vs. Lars Olav Valdemar Grill et** (Mand. Inib. Nru 1712/2017) degretat fis-27 ta' Diċembru 2017.

[3] **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** (Rik Nru 2086/1997) degretat fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs. Marin Hili** (Rik Nru 3135/94) degretat fit-22 ta' Settembru 1995.

Sew ir-rikorrent kif ukoll il-korporazzjoni intimata jaqblu illi r-rikorrent kien ghal xi zmien impjegat fis-servizz pubbliku u li f'xi zmien gie 'detailed' mal-enti pubblika, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Mhemmx kuntrast lanqas bejn il-partijiet illi meta sehhew l-avvenimenti li waslu ghall-passi ta' dixxiplina kontra r-rikorrent huwa kien ghadu 'detailed' mal-korporazjoni intimata.

Ir-rikorrent jikkontendi illi huwa ma hux impjegat tal-korporazzjoni intimata u ghalhekk m'ghandux jghaddi minn proceduri ta' dixxiplina da parti tal-korporazjoni intimata, irrispettivament mill-fatt li huwa kien u ghadu 'detailed' mal-korporazzjoni intimata wara li l-ufficju tal-Prim Ministru irrifjuta t-talba tieghu sabiex jirritorna mas-servizz pubbliku. Isostni r-rikorrent li l-korporazzjoni intimata m'ghandiex dritt tiddixxiplinah ghall-agir tieghu waqt il-hin tax-xoghol ghaliex isostni li l-awtorita' kompetenti hija l-Public Service Commission u mhux il-Bord ta' Dixxiplina tal-Korporazzjoni.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Artikolu 39 (1) tal-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma (Kap. 355 tal-Ligijiet ta' Malta)** jipprovdi illi meta impjegat ikun 'detailed' mal-Korporazzjoni, tali impjegat ikun jaqa' taht l-awtorita' amministrattiva tal-Korporazzjoni:-

> "Meta xi ufficjal jigi allokat fuq dmirijiet mal-Korporazzjoni skond xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 38, dak l-ufficjal ghandu, matul dak iz-zmien li fiha dik id-direttiva tkun issehh dwaru, ikun taht l-awtorita' amministrattiva u l-kontroll tal-Korporazzjoni, izda dan ghandu ghall-finijiet u effetti kollha jibqa' jitqies u jigi trattat bhala ufficjall pubbliku."

Il-Manwal tas-Servizz Pubbliku intitolat "**Manual on Resourcing Policies and Procedures**" mahrug mill-**Ufficju tas-Segretarju Permanenti Principali fl-Ufficju tal-Prim Ministru**, jipprovdi kif gej:-

**5.1 Detailing of Public Officers for Duty with Public Entities**

5.1.1 The Prime Minister may direct that a public officer is to be ‘detailed’ for duty with a public entity.
5.1.2 Public officers may be detailed for duty with public entities in the following instances:-
(i) At the officer’s own volition, either through a specific request or following an expression of interest or public call for applications. In such cases, the officer must have been confirmed in a Public Service appointment in order to be detailed. An appointment that has not yet been confirmed will be forfeited;
(ii) At the request of the entity after having been identified by the entity; or
(iii) Following the migration of a function to an entity. This could happen when Government decides to restructure the provision of a particular service by administratively setting up a specific entity or agency and hence public officers employed therein will need to be ‘detailed’ with the new entity or agency. Subsequently other public officers may need to be further detailed with the entity or agency to increase its performance or output as required. Normally the detailing of public officers is specifically provided for in the provisions of the legislation establishing that particular public entity.

- omissis -

viii. ‘Detailed’ officers are released on grounds of public policy;
ix. They shall benefit from the pay structures and conditions of service of the entity to which they are detailed, in accordance with the Collective Agreement in force, as applicable. Taken as a whole,

the pay structures and conditions of service may not be less favourable than those they used to enjoy with the Public Service;

x. They will retain the rights and privileges applicable to their public office as well as progression and promotion rights arising from the respective Classification Agreement;

xi. By virtue of their public officer status, during the period of detailing they will retain their right to apply for calls for applications open to public officers;

xii. They will have their service with the entity reckoned as service with Government for the purposes of increments, promotion and progression and for the computation of years of service required for eligibility to a higher grade, subject to their performing duties not below their Public Service grade/ indefinite status;

xiii. In the case of pensionable officers, they will also have their service with the entity reckoned as service with Government for Treasury Pension purposes;

**xiv. They shall be under the administrative authority and control of the entity but any disciplinary action instituted against them will be taken in terms of the standing Disciplinary Regulations;**

**xv. The Personal File pertaining to the detailed officer is to be kept at the Directorate responsible for People Management of the Ministry under which the receiving Entity falls**;

L-iStanding Disciplinary Regulations li qed jirreferi ghalihom is-sub artikolu xiv jinstabu fil-"**Manual on Disciplinary Procedures in the Malta Public Service**" ippubblikat fi Frar 2017 mill-"People and Standards Division".

**Klawsola 5.3.2**:-

**When the public officer against whom disciplinary action is to be taken is serving in an entity which does not form part of the Public Service, the Permanent Secretary supervising that entity**

**shall take such action as a Head of Department is empowered to take under the Disciplinary Regulations, unless a senior officer within the entity is empowered to take disciplinary action against the public officer through an Instrument of Delegation [regulation 9 and Appendix A of this Manual].**

Ma jirrizultax minn Regulation 9 u minn Appendax A tal-manwal illi fir-rigward ta' haddiema tal-Gvern 'detailed' mal-korporazzjoni intimata hemm strument ta' delega a favur ta' *senior officer* fi hdan il-korporazzjoni sabiex jagixxi minflok is-Segretarju Permanenti responsabbli mill-korporazzjoni intimata. Ghalhekk jidher *prima facie* li r-rikorrent ghandu l-jedd jezigi illi passi ta' dixxiplina fil-konfront tieghu jittiehdu mhux mill-korporazzjoni intimata izda mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru li fid-dikasteru tieghu taqa' l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

Il-korporazzjoni intimata tikkontedni illi l-Kap Ezekuttiv Ufficjali tal-Korporazzjoni, s-Sur Ivan Falzon, huwa l-ufficjal delegat skond il-Collective Agreement sabiex imexxi l-investigazzjoni dwar l-akkadut. Difatti l-istess kap ezekuttiv mexxa l-investigazzjoni u hareg kontra r-rikorrent numru ta' akkuzi.

Il-Qorti hi tal-fehma li fir-rigward tad-drittijiet tar-rikorrent qua haddiem fis-servizz pubbliku u l-proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tieghu, jirrizulta *prima facie* illi l-Manwal tal-Proceduri Dixxiplinari fis-Servizz Pubbliku Malti mahrug mill-Ufficju tal-Prim' Ministru fi Frar 201 huwa applikabbli u mhux il-provvedimenti ta' Dixxiplina fil-*Collective Agreement* bejn il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u l-General Workers' Union li tirraprezenta l-haddiem fi hdan dik il-korporazzjoni.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent sehhlu jipprova sodisfacentement illi *prima facie* huwa ghandu dritt jezigi illi passi ta' dixxiplina fil-konfront tieghu jittiehdu mhux mill-Korporazzjoni intimata izda mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru li tahtu taqa' l-Korporazzjoni intimata. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-mandat mitlub huwa mehtieg ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 sabiex

jithares il-jedd tar-rikorrent fuq riskontrat. Il-Qorti tqis ukoll illi l-pregudizju tar-rikorrent jekk it-talba tieghu ghall-hrug tal-mandat tigi michuda jkun ferm akbar mill-pregudizju tal-korporazzjoni intimata fil-kaz li l-Qorti tohrog il-mandat kif mitlub.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' r-rikors ta' Paul Cachia tas-17 ta' Novembru 2020 u tordna l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni intimata.

Moghti kameralment illum 10 ta' Dicembru 2020.

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion**